

21994A1223(06)

L 336/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.12.1994

FTEHIM DWAR IT-TESSILI U L-ILBIES

IL-MEMBRI,

Filwaqt li jiftakru illi l-Ministri ftiehm u l-Punta del Este li "in-negozjati fiż-żona tat-tessili u l-ilbies għandhom jimmiraw għalbiex jifformulaw modalitajiet li jkunu jistgħu jippermettu l-integrazzjoni eventwali ta' dan is-settur fil-GATT fuq il-bażi tar-regoli u d-dixxiplini msaħħa tal-GATT, biex b'hekk jikkontribwixxu wkoll għall-għan ta' liberalizzazzjoni iktar tal-kummerċ";

Jiftakru li fid-Deċiżjoni dwar il-Kumitat tan-Negozjati Kummerċjali ta' April tas-sena 1989 kien miftiehem illi l-proċess ta' integrazzjoni għandu jibda wara l-konklużjoni tar-Round ta' l-Urugwaj dwar in-Negozjati Multilaterali tal-Kummerċ u għandhom ikunu progressivi fil-karattru;

Jiftakru iktar minn hekk li kien miftiehem illi għandu jingħata trattament speċjali lill-pajjiżi Membri l-inqas żviluppati;

HAWNHEKK JIFTIEHMU KIF ĠEJ;

Artikolu 1

1. Dan il-Ftehim jiddikjara d-dispożizzjonijiet li jridu jiġu applikati mill-Membri matul perjodu transitorju għall-integrazzjoni tas-settur tat-tessili u ta' l-ilbies fil-GATT 1994.

2. Il-Membri jaqblu li jużaw id-dispożizzjoni tal-paragrafu 18 ta' l-Artikolu 2 u l-paragrafu 6(b) ta' l-Artikolu 6 f'manjera hekk li tippermetti żidiet fil-possibbiltajiet ta' l-aċċess għall-fornituri ż-żgħar u l-iżvilupp ta' l-opportunitajiet kummerċjali sinifikanti kummerċjalment għal min jidħol għid fil-kamp tal-kummerċ tat-tessili u ta' l-ilbies. ⁽¹⁾

3. Il-Membri għandu jkollhom rigward mistħoqq għas-sitwazzjoni ta' dawk il-Membri li ma jkunux aċċettaw il-Protokoll li jestendu l-Arranġament li Jirrigwarda l-Kummerċ Internazzjonali fit-Tessili (imsejjaħ il-"MFA" f'dan il-Ftehim) mis-sena 1986 u, safejn u sakemm hu possibbli, għandhom jkunu jistgħu jagħtuhom trattament speċjali meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Membri jaqblu li l-interessi partikolari tal-Membri esportaturi li jipproduċu l-qoton għandhom jirriflettu, f'konsultazzjoni magħhom, fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

⁽¹⁾ Safejn u sakemm possibbli, l-esportazzjonijiet minn pajjiż Membru l-inqas żviluppatt jistgħu jibbenefikaw ukoll minn din id-dispożizzjoni.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-settur tat-tessili u ta' l-ilbies ġewwa l-GATT 1994, il-Membri għandhom isegwu aggstament industrijali awtonomu kontinwu u l-kompetizzjoni miżjuda fis-swieq tagħhom.

6. Għajr jekk ipprovdut xorta oħra f'dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Membri skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-WTO u l-Ftehimijiet Kummerċjali Multilaterali.

7. Il-prodotti tessili u tal-lbies li għalihom japplika dan il-Ftehim huma ddkjarati fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi kollha ġewwa l-ftehimijiet bilaterali miżmuma skond l-Artikolu 4 jew innotifikati skond l-Artikolu 7 jew 8 tal-MFA fis-seħħ fil-jum qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO għandhom jiġu nnotifikati fid-dettal fi żmien 60 jum wara dan id-dħul fis-seħħ, inklużi l-livelli tat-trażżin, ir-rati tat-tkabbir u d-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà, mill-Membri li jżommu dawn ir-restrizzjonijiet għall-Korp tal-Monitoraġġ tat-Tessili pprovdut fl-Artikolu 8 (f'dan il-Ftehim imsejjaħ it-"TMB"). Il-Membri jaqblu illi mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, dawn ir-restrizzjonijiet kollha miżmuma mill-partijiet kontraenti tal-GATT 1947, u f'posthom fid-data qabel dan id-dħul fis-seħħ, għandhom jiġu rregolati bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. It-TMB għandu jiċċirkola dawn in-notifiki lill-Membri kollha għat-tagħrif tagħhom. Huwa miftuħ għal kull Membru li, fi żmien 60 jum miċ-ċirkolazzjoni tan-notifiki, iressaq għall-attenzjoni tat-TMB kull osservazzjoni li jqis approprijata rigward dawn in-notifiki. Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jiġu ċċirkolati lill-Membri l-oħra għat-tagħrif tagħhom. It-TMB jista' jagħmel rakkommandazzjonijiet, kif approprijat, lill-Membri interessati.

3. Meta l-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar tar-restrizzjonijiet li jrid jiġi nnotifikat skond il-paragrafu 1 ma jikkonċidix mal-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar li jiġi immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, il-Membri interessati għandhom jaqblu b'mod reċiproku dwar l-arranġamenti għalbiex iġibu l-perjodu tar-restrizzjonijiet flinja mas-sena tal-ftehim (?), u jstabbilixxu livelli bażi nazzjonali ta' dawn ir-restrizzjonijiet sabiex jimplementaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Il-Membri interessati jaqblu li jidħlu f'konsultazzjonijiet minnufih fuq talba bil-ħsieb li jilhqun dan il-Ftehim reċiproku. Kull arranġament minn dan għandu jqis, fost ħwejjeġ oħra, ix-xejriet staġjo-

⁽²⁾ Is-"sena tal-ftehim" hija ddefinita li tfisser perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO u fl-intervalli sossegwenti taż-żmien ta' 12-il xahar.

nali tal-ġarr dawn l-aħħar snin. Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lit-TMB, li għandu jagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet li jidhirlu approprijati lill-Membri interessati.

4. Ir-restrizzjonijiet innotifikati skond il-paragrafu 1 għandu jittqies li jikkostitwixxu t-totalità ta' dawn ir-restrizzjonijiet applikati mill-Membri rispettivi fil-jum ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dear il-WTO. Ma għandhom jiġu mdaħħla l-ebda restrizzjonijiet f'termini ta' prodotti jew Membri għajr skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GATT 1994 ⁽¹⁾. Ir-restrizzjonijiet mhux innotifikati fi żmien 60 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO għandhom jiġu tterminati minnufih.

5. Kull miżura unilaterali meħuda skond l-Artikolu 3 tal-MFA qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO tista' tibqa' f'effett għat-tul taż-żmien speċifikati fiha, imma li ma taqbiżx it-12-il xahar, jekk tkun ġiet rivista mill-Korp tas-Sorveljanza tat-Tessili (imsejjaħ it-"TSB" f'dan il-Ftehim) stabbilit taħt il-MFA. Jekk it-TSB ma jkollux l-opportunità li jagħmel rivista ta' kull miżura unilaterali minn dawn, għandha tiġi rivista mit-TMB skond ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw l-Artikolu 3 taħt il-MFA. Kull miżura applikata skond l-Artikolu 4 ta' ftehim tal-MFA qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO li tkun is-suġġett ta' kontroversja li t-TSB ma kellux l-opportunità għar-rivista għandha tiġi rivista wkoll mit-TMB skond ir-regoli u l-proċeduri tal-MFA li japplikaw għal din ir-rivista.

6. Fid-data tad-dħul fdis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, kull Membru għandu jintegra fil-GATT 1994 il-prodotti li kienu jgħoddu inqas minn 16 fil-mija tal-volum totali ta' l-importazzjonijiet tal-Membri fis-sena 1990 tal-prodotti fl-Anness, f'termini tal-linji jew tal-kategoriji tal-HS (is-Sistema Armonizzata). Il-prodotti li jridu jiġu integrati għandhom jikkomprenđu prodotti minn kull waħda mill-erba' gruppi li ġejjin: l-ilbies tan-nisa li jgħatti n-naħa ta' fuq tal-ġisem u l-ħjut minsuġa, il-prodotti tessili magħmula minn biċċiet differenti, u l-ilbies.

7. Id-dettalji sħaħ ta' l-azzjonijiet li jridu jittieħdu skond il-paragrafu 6 għandhom jiġu nnotifikati mill-Membri interessati skond dan li ġej:

(a) il-Membri li jżommu restrizzjonijiet skond il-paragrafu 1 jindaħlu, minkejja d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, li jinnotifikaw dawn id-dettalji lis-Segretarjat tal-GATT mhux iktar tard mid-data stabbilita bid-Deċiżjoni Ministerjali tal-15 ta' April 1994. Is-Segretarjat tal-GATT għandu jiċċirkola minnufih dawn in-notifiki lill-parteċipanti

(1) Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GATT 1994 ma għandhomx jinkludu l-Artikolu IX rigward il-prodotti li ma jkunux għadhom ġew integrati fil-GATT 1994, għajr kif ipprovdut b'mod speċifiku fil-paragrafu 3 ta' l-Anness.

l-oħra għat-tagħrif tagħhom. Dawn in-notifiki jridu jintgħamli disponibbli għat-TMB, meta stabbiliti, għall-għanijiet tal-paragrafu 21;

(b) il-Membri li, skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 6, żammew id-dritt li jużaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, għandhom jinnotifikaw dawn id-dettali lit-TMB mhux iktar tard minn 60 jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, jew, fil-każ ta' dawk il-Membri koperti bil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 1, mhux iktar tard mit-tmiem tat-tmax-il xahar li l-Ftehim dwar il-WTO jkun daħal fl-effett. It-TMB għandu jiċċirkola dawn in-notifiki lill-Membri l-oħra għat-tagħrif u jagħmel rivista tagħhom kif ipprovdut fil-paragrafu 21.

8. Il-prodotti li jifdlu, jiġifieri l-prodotti mhux integrati ġewwa l-GATT 1994 skond il-paragrafu 6, għandhom jiġu integrati, f'termini tal-linji jew il-kategoriji tal-HS, fi tliet stadji, kif ġej:

(a) fl-ewwel jum tas-37 xahar li l-Ftehim dwar il-WTO ikun f'effett, il-prodotti li kienu jgħoddu għal mhux inqas minn 17 fil-mija tal-volum totali ta' l-importazzjonijiet tal-prodotti fl-Anness mill-Membru fis-sena 1990. Il-prodotti li jridu jiġu integrati mill-Membri għandhom jikkomprenđu prodotti minn kull waħda mill-erba' gruppi li ġejjin: l-ilbies tan-nisa li jgħatti n-naħa ta' fuq tal-ġisem u l-ħjut minsuġa, il-prodotti tessili magħmula minn biċċiet differenti, u l-ilbies.

(b) fl-ewwel jum tal-85 xahar li l-Ftehim dwar il-WTO ikun f'effett, il-prodotti li kienu jgħoddu għal mhux inqas minn 28 fil-mija tal-volum totali ta' l-importazzjonijiet tal-prodotti fl-Anness mill-Membru fis-sena 1990. Il-prodotti li jridu jiġu integrati mill-Membri għandhom jikkomprenđu prodotti minn kull waħda mill-erba' gruppi li ġejjin: l-ilbies tan-nisa li jgħatti n-naħa ta' fuq tal-ġisem u l-ħjut minsuġa, il-prodotti tessili magħmula minn biċċiet differenti, u l-ilbies.

(c) fl-ewwel jum tal-121 xahar li l-Ftehim dwar il-WTO jkun daħal f'effett, is-settur tat-tessili u ta' l-ilbies għandu jkun integrat fil-GATT 1994, bir-restrizzjonijiet kollha skond il-Ftehim jiġu eliminati.

9. Il-Membri li jkunu nnotifikaw, skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 6, l-intenzjoni tagħhom li ma jżommux id-dritt li jużaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 għandhom jittqiesu, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, li integraw il-prodotti tagħhom tessili u ta' l-ilbies fil-GATT 1994, Għalhekk, dawn il-Membri għandhom ikunu eżentati milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi minn 6 sa 8 u 11.

10. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjieni Membru li jkun issottometta programm ta' integrazzjoni skond il-paragrafi 6 jew 8 milli jintegra l-prodotti fil-GATT 1994 iktar kmieni minn dak ipprovdut f'dan il-programm. Madankollu, kull integrazzjoni tal-prodotti minn din għandha tidħol fl-effett fil-bidu ta' sena tal-ftehim, u d-dettalji għandhom jiġu nnotifikati lit-TMB mill-inqas tliet xhur qabel dan għaċ-ċirkolazzjoni lill-Membri kollha.

11. Il-programmi rispettivi ta' l-integrazzjoni, skond il-paragrafu 8, għandhom jiġu nnotifikati fid-dettal mit-TMB f'mill-inqas 12-il xahar qabel ma jidħlu fis-seħħ u ċirkolati mit-TMB lill-Membri kollha.

12. Il-livelli bażi għar-restrizzjonijiet fuq il-prodotti li jifdlu, imsemmija fil-paragrafu 8, għandhom ikunu l-livelli tat-trażżin riferiti fil-paragrafu 1.

13. Matul l-Istadju 1 ta' dan il-Ftehim (mid-data tad-dħul fl-effett tal-Ftehim dwar il-WTO sas-36 xahar li jkun ilu fl-effett, inklussivi) il-livell għal kull restrizzjoni skond il-ftehimijiet bilaterali tal-MFA fis-seħħ għall-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO għandu jiġi miżjud kull sena b'mhux inqas mir-rata tat-tkabbir stabbilita għar-restrizzjonijiet rispettivi, miżjuda b'16 fil-mija.

14. Għajr meta l-Kunsill tal-Kummerċ fl-Oġġetti jew il-Korp tas-Soluzzjoni tal-Kontroversji jiddeċiedu xorta oħra skond il-paragrafu 12 ta' l-Artikolu 8, il-livell tar-restrizzjonijiet li jifdlu għandhom jiġu miżjuda kull sena matul l-istadji sossegwenti ta' dan il-Ftehim b'mhux inqas minn dan li ġej:

(a) għall-Istadju 2 (mis-37 xahar sa l-84 wieħed li l-Ftehim dwar il-WTO jkun f'effett, inklussivi), ir-rata tat-tkabbir għar-restrizzjonijiet rispettivi matul l-Istadju 1, miżjuda b'25 fil-mija;

(b) għall-Istadju 3 (mill-85 xahar sa l-120 wieħed li l-Ftehim dwar il-WTO jkun f'effett, inklussivi), ir-rata tat-tkabbir għar-restrizzjonijiet rispettivi matul l-Istadju 2, miżjuda b'27 fil-mija.

15. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjieni Membru milli jelimina kull restrizzjoni miżmuma skond dan l-Artikolu, effettiva mill-bidu tal-perjodu transitorju taż-żmien ta' kull sena ta' ftehim, sakemm il-Membru importatur interessat u t-TMB jiġu nnotifikati mill-inqas tliet xhur qabel ma tiġi f'effett l-eliminazzjoni. Il-perjodu taż-żmien għan-notifika minn qabel tista' tiġi mqasra għal 30 jum fi ftehim tal-Membru mrażżan. It-TMB għandu jiċċirkola dawn in-notifiki lill-Membri kollha. Meta jikkunsidraw l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kif previsti f'dan il-paragrafu, il-Membri interessati għandhom iqisu t-trattament ta' esportazzjonijiet simili mill-Membri l-oħra.

16. Id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità, jiġifieri t-tbandila, il-ġarr għas-sena ta' wara, il-ġarr 'il quddiem, li japplikaw għar-restrizzjonijiet kollha miżmuma skond dan l-Artikolu, għandhom ikunu l-istess bħal dawk ipprovduti għall-ftehimijiet bilaterali tal-MFA għall-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO. L-ebda limiti kwantitattivi ma għandhom jitqiegħdu jew jinżammu fuq l-użu magħqud tat-tbandila, il-ġarr għas-sena ta' wara u l-ġarr 'il quddiem.

17. L-arranġamenti amministrattivi, kif meqjusa meħtieġa fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu materja għall-ftehim bejn il-Membri interessati. Kull arranġament minn dan għandu jiġi nnofikat lit-TMB.

18. Rigward dawk il-Membri li l-esportazzjonijiet tagħhom huma bla ħsara għar-restrizzjonijiet fil-jum qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO u li r-restrizzjonijiet tagħhom jirrappreżentaw 1,2 fil-mija jew inqas tal-volum totali tar-restrizzjonijiet applikati minn Membru importatur kif ikunu fil-31 ta' Diċembru 1991 u nnotifikati f'dan l-Artikolu, għandu jiġi pprovdut titjib b'tifsira fl-aċċess għall-esportazzjonijiet, mad-dħul is-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO u għat-tul ta' dan il-Ftehim, permezz ta' l-avvanz minn stadju tar-rati tat-tkabbir iddikjarati fil-paragrafi 13 u 14, jew permezz ta' bidliet mill-inqas ekwivalenti li jistgħu jiġu miftiehma b'mod reċiproku rigward taħlita differenti tad-dispożizzjonijiet tal-livelli bażi, it-tkabbir u l-flessibilità. Dan it-titjib għandu jiġi nnofikat lit-TMB.

19. F'kull każ, matul it-tul taż-żmien ta' dan il-Ftehim, li fih tinbeda miżura tas-salvagward minn Membru skond l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 rigward prodott partikolari matul il-perjodu taż-żmien ta' sena immedjatament wara l-integrazzjoni ta' dan il-prodott fil-GATT 1994 skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, iridu japplikaw id-dispożizzjonijiet kif iddikjarati fl-Artikolu XIX, kif interpretat mill-Ftehim dwar is-Salvagwardji, għajr kif iddikjarati fil-paragrafu 20.

20. Meta din il-miżura tiġi applikata bl-użu ta' mezzi mhux tat-tariffa, il-Membru importatur interessat għandu japplika l-miżura f'manjera kif iddikjarata fil-paragrafu 2(d) ta' l-Artikolu XIII tal-GATT 1994 fuq it-talba ta' kull Membru esportatur li l-esportazzjonijiet tiegħu ta' dawn il-prodotti kienu bla ħsara għar-restrizzjonijiet skond dan il-Ftehim f'kull żmien fil-perjodu taż-żmien ta' sena immedjatament qabel il-bidu tal-miżura tas-salvagward. Din il-miżura għandha tiġi amministrata mill-Membru amministratur interessat. Il-livell applikabbli ma għandux inaqqas l-esportazzjonijiet rilevanti taħt il-livell ta' perjodu taż-żmien rappreżentattiv reċenti. Li għandu normalment ikun il-medju ta' l-esportazzjonijiet mill-Membru interessat fl-aħħar tliet snin rappreżentattivi li għalihom ikunu disponibbli l-istatistiċi. Iktar minn hekk, meta miżura tas-salvagward tiġi applikata għal iktar minn sena, il-livell applikabbli għandu jiġi lliberalizzat b'mod progressiv f'intervalli regolari taż-żmien matul il-perjodu taż-żmien ta' l-applikazzjoni. F'dawn il-każijiet il-Membru esportatur interessat ma għandux jeżerċita d-dritt li jis-spendi konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti jew obbligi oħra skond il-paragrafu 3(a) ta' l-Artikolu XIX tal-GATT 1994.

21. The TMB shall keep under review the implementation of this Article. 21. It-TMB għandu jżomm l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu taħt rivista. Fuq it-talba ta' kull Membru, għandu jaħmel rivista ta' kull materja partikolari b'riferiment għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Għandu jagħmel ir-rakkommandazzjonijiet jew is-sentenzi approprijati fi

żmien 30 jum lil Membru interesat jew interessati, wara li jstieden il-parteċipazzjoni ta' dawn il-Membri.

Artikolu 3

1. Fi żmien 60 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, il-Membri li jżommu restrizzjonijiet ⁽¹⁾ fuq il-prodotti tessili u tal-lbies (għajr ir-restrizzjonijiet miżmuma skond il-MFA u koperti bid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2), sewwa jekk konsistenti mal-GATT 1994 u sewwa jekk le, għandhom (a) jinnotifikawhom fid-dettal lit-TMB, jew (b) jipprovdu lit-TMB notifiċi rigward tagħhom li jkunu ġew issottomessi lil kull korp ieħor tal-WTO. In-notifiċi għandhom, kulmeta applikabbli, jipprovdu tagħrif rigward kull ġustifikazzjoni tal-GATT 1994 għar-restrizzjonijiet, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-GATT 1994 li fuqhom ikunu msejsa.

2. Il-Membri li jżommu restrizzjonijiet li jidħlu taħt il-paragrafu 1, għajr dawk iġġustifikati skond dispożizzjoni tal-GATT 1994, għandhom jew:

- (a) iġibuhom f'konformità mal-GATT 1994 fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, u jinnotifikaw din l-azzjoni lit-TMB għat-tagħrif tiegħu; jew
- (b) itemmuhom f'fażijiet b'mod progressiv skond programm li jrid jiġi ppreżentat lit-TMB minn Membru li jkun iżomm ir-restrizzjonijiet mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO. Dan il-programm għandu jipprovdi għar-restrizzjonijiet kollha li jridu jiġu mitmuma f'fażijiet f'perjodu taż-żmien li ma jaqbiżx it-tul taż-żmien ta' dan il-Ftehim. It-TMB jista' jaġġmel rakkommandazzjonijiet lill-Membri interessat rigward dan il-programm.

3. Matul it-tul taż-żmien ta' dan il-Ftehim, il-Membri għandhom jipprovdu lit-TMB, għat-tagħrif tiegħu, in-notifiċi ssottomessi lil kull korp ieħor tal-WTO rigward kull restrizzjoni jew bidliet fir-restrizzjonijiet eżistenti dwar il-prodotti tessili u tal-lbies, meħuda skond dispożizzjoni tal-GATT 1994, fi żmien 60 jum minn meta jidħlu fl-effett.

4. Għandu jkun miftuħ għal kull Membru li jaġġmel notifiċi b'lura lit-TMB, għat-tagħrif tiegħu, rigward il-ġustifikazzjoni tal-GATT 1994, jew rigward kull restrizzjoni li ma tkunx ġiet innotifikata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. L-azzjonijiet rigward dawn in-notifiċi jistgħu jiġu segwiti minn kull Membru skond id-dispożizzjonijiet jew il-proċeduri rilevanti tal-GATT 1994 fil-korp approprijat tal-WTO.

⁽¹⁾ Ir-restrizzjonijiet jiddenotaw ir-restrizzjonijiet kwantitattivi unilaterali kollha, l-arranġamenti bilaterali u l-miżuri l-oħra li jkollhom effett simili.

5. It-TMB għandu jiċċirkola n-notifiċi magħmula skond dan l-Artikolu lill-Membri kollha għat-tagħrif tagħhom.

Artikolu 4

1. Ir-restrizzjonijiet riferiti fl-Artikolu 2, u dawk applikati skond l-Artikolu 6, għandhom jiġu amministrati mill-Membri esportaturi. Il-Membri importaturi ma għandhomx ikunu obbligati li jaċċettaw ġarr li jaqbeż ir-restrizzjonijiet innotifikati skond l-Artikolu 2, jew tar-restrizzjonijiet applikati skond l-Artikolu 6.

2. Il-Membri jaqblu li d-dħul tal-bidliet, bħalma huma l-bidliet fil-prattiki, ir-regoli, il-proċeduri u l-kategorizzazzjoni tal-prodotti tessili u tal-lbies, inklużi dawk il-bidliet li jkollhom x'jaqsmu mas-Sistema Armonizzata, fl-implimentazzjoni jew l-amministrazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet innotifikati jew applikati skond dan il-Ftehim, ma għandhomx: jaqblu l-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi bejn il-Membri interessati skond dan il-Ftehim; jaffettwaw b'mod negattiv l-aċċess disponibbli għal Membru; jimpedixxu l-utilizzazzjoni sħiħa ta' dan l-aċċess; jew iġibu d-diżordni lill-kummerċ skond dan il-Ftehim.

3. Jekk prodott jikkostitwixxi parti biss minn restrizzjoni jiġi nnotifikat għall-integrazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, il-Membri jaqblu li kull bidla fil-livell ta' din ir-restrizzjoni ma għandhiex taqleb il-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi bejn il-Membri interessati skond dan il-Ftehim.

4. Madankollu, meta jkunu meħtieġa l-bidliet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, il-Membri jaqblu li l-Membri li jibda dawn il-bidliet għandu jgħarraf u, kulmeta possibbli, jiftaħ konsultazzjonijiet mal-Membri affettwati jew il-Membri affettwati qabel l-implimentazzjoni ta' dawn il-bidliet, bil-ħsieb li jasal għal soluzzjoni aċċettabbli reċipokament rigward l-aġġustament approprijat u ekwitabbli. Iktar minn hekk, il-Membri jaqblu li meta l-implimentazzjoni minn qabel ma tkunx Prattika, il-Membri li jibda dawn il-bidliet irid, fuq it-talba tal-Membri affettwati, jikkonsulta, fi żmien 60 jum jekk possibbli, lill-Membri interessati bil-ħsieb li jasal għal soluzzjoni sodisfaċenti reċipokament rigward l-aġġustamenti approprijati u ekwitabbli. Jekk ma tintlaħaqx soluzzjoni sodisfaċenti, kull Membru involut jista' jirreferi l-materja lil-TMB għal rakkommandazzjonijiet kif ipprovvdut fil-paragrafu 8. Jekk it-TSB ma jkollux l-oportunità li jaġġmel rivista ta' kontroversja li tirrigwarda dawn il-bidliet imdaħħla qabel id-dħul is-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, din għandha tkun rivista mit-TMB skond ir-regoli u l-proċeduri tal-MFA applikabbli għal din ir-rivista.

Artikolu 5

1. Il-Membri jaqblu li l-ħarbien bit-trasferiment minn fuq bastiment għal ieħor fil-ġarr mill-ġdid bil-baħar, il-bdil mill-ġdid tar-rotta, id-dikjarazzjonijiet foloz tal-pajjiż jew tal-post ta' l-orijini, u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali, iġibu fix-xejn l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għalbiex jintegra s-settur tat-tessili u tal-lbies fil-GATT 1994. Għalhekk, il-Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet legali u/jew il-proċeduri amministrattivi meħtieġa għalbiex jindirizzaw u jieħdu azzjoni kontra dan il-ħarbien. Il-Membri jaqblu wkoll li, konsistenti mal-liġijiet u l-proċeduri domestiċi tagħhom, iridu jikkooperaw bis-sħiħ għalbiex jindirizzaw il-problemi li jinħolqu mill-ħarbien.

2. Jekk Membru jemmen li dan il-Ftehim qiegħed jinħarab minnu bit-trasferiment minn fuq bastiment għal ieħor fil-ġarr, il-bdil mill-ġdid tar-rotta, dikjarazzjoni falza li tirrigwarda l-pajjiż jew il-post ta' l-orijini, jew il-falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali, u li l-ebda miżura, jew miżura adegwata ma jiġu applikati sabiex jindirizzaw u/jew jieħdu azzjoni kontra dan il-ħarbien, dan il-Membru għandu jikkonsulta lill-Membru interessat jew lill-Membri interessati bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru min-nufih, u meta possibbli fi żmien 30 jum. Jekk ma tintlaħaqx soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament, il-materja tista' tiġi riferita minn kull Membru involut lit-TMB għal rakkommandazzjonijiet.

3. Il-Membri jaqblu li jieħdu l-azzjoni meħtieġa, konsistenti mal-liġijiet u l-proċeduri domestiċi tagħhom, għalbiex jipprevjenu, jinvestigaw u, meta pproprijat, jieħdu azzjoni legali u/jew amministrattiva kontra l-prattiki tal-ħarbien ġewwa t-territorju tagħhom. Il-Membri jaqblu li jikkooperaw bis-sħiħ, konsistenti mal-liġijiet u l-proċeduri tagħhom, f'każijiet ta' ħarbien, jew ta' ħarbien allegat minn dan il-Ftehim, għalbiex jistabbilixxu l-fatti rilevanti fil-postijiet ta' l-importazzjoni, l-esportazzjoni u, meta japplika, it-trasferiment minn bastiment għal ieħor fil-ġarr. Huwa maqbul li din il-kooperazzjoni, konsistenti mal-liġijiet u l-proċeduri domestiċi, trid tinkludi: l-investigazzjoni tal-prattiki tal-ħarbien li jżidu l-esportazzjonijiet imrażżna lejn Membru li jżomm dan it-trażżin; l-iskambju tad-dokumenti, tal-korrispondenza, tar-rapporti u ta' tagħrif ieħor rilevanti safejn u sakem ikunu disponibbli, u l-faċilitazzjoni tal-viżti u lill-impjanti u l-kuntatti magħhom, fuq talba u fuq il-bażi ta' każ b'każ. Il-Membri għandhom jisfurzaw li jiċċaraw iċ-ċirkustanzi ta' kull każ minn dan tal-ħarbien jew tal-ħarbien allegat, inklużi r-rwoli rispettivi ta' l-esportaturi jew l-importaturi involuti.

4. Meta, b'riżultat ta' l-investigazzjoni, ikun hemm xieħda biżżejjed illi ġara l-ħarbien (p.e. meta tkun disponibbli x-xieħda li tirrigwarda l-pajjiż jew il-post ta' l-orijini veru, u ċ-ċirkustanzi għal dan il-ħarbien), il-Membri jaqblu li għandha tittieħed azzjoni,

safejn u sakemm meħtieġ, sabiex tindirizza l-problema. Din l-azzjoni tista' tinkludi ċ-ċaħda tad-dħul ta' l-oġġetti jew, meta l-oġġetti jkunu daħlu, li jingħata r-rigward mistħoqq liċ-ċirkustanzi attwali u l-involviment tal-pajjiż jew tal-post ta' l-orijini veru, l-aġġustament ta' l-imposti għal-livelli tat-trażżin sabiex jirriflettu l-pajjiż jew il-post veru ta' l-orijini. Ukoll, meta jkun hemm xieħda ta' l-involviment tat-territorji tal-Membri li permezz tagħhom l-oġġetti jkunu ġew ittrasferiti minn bastiment għal ieħor fil-ġarr bil-baħar, din l-azzjoni tista' tinkludi d-dħul ta' trażżin rigward dawn il-Membri. Kull azzjoni minn din, flimkien mal-għoti tal-ħin u l-iskop tagħhom, tista' tittieħed bil-ħsieb li twassal għal soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament bejn il-Membri interessati u għandha tiġi nnotifikata lit-TMB b'ġustifikazzjoni sħiħa. Il-Membri interessati jistgħu jaqblu dwar rimedji oħra fil-konsultazzjoni. Kull qbil minn dan għandu jiġi nnotifikat ukoll lit-TMB, u t-TMB jista' jagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet lill-Membri li jidhirlu approprijati. Jekk ma tintlaħaqx soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament, kull Membru interessat jista' jirreferi l-materja lill-TMB għal rivista u rakkommandazzjonijiet minnu-fih.

5. Il-Membri jinnotaw illi wħud mill-każijiet tal-ħarbien jistgħu jinvolvu l-ġarr li jittransita minn ġol-pajjiżi jew il-postijiet mingħajr ma jintgħamli bdil jew alterazzjonijiet lill-oġġetti li jkunu f'dan il-ġarr fil-postijiet tat-transitu. Jinnotaw illi jista' ma jkunx prattikabbli b'mod ġenerali li dawn il-postijiet tat-transitu jeżecitaw il-kontroll fuq dan il-ġarr.

6. Il-Membri jaqblu li dikjarazzjoni falza li tirrigwarda l-kontenut tal-fibri, il-kwantitajiet, id-deskrizzjoni jew il-klassifika tal-merkantizja jiffrustraw ukoll il-għan ta' dan il-Ftehim. Meta jkun hemm xieħda illi din id-dikjarazzjoni falza tkun intgħamlet għall-għanijiet tal-ħarbien, il-Membri jaqblu li għandhom jittieħdu l-miżuri approprijati, konsistenti mal-liġijiet u l-proċeduri domestiċi, kontra l-esportaturi jew l-importaturi involuti. Jekk Membru jemmen li dan il-Ftehim qiegħed jinħarab minnu b'din id-dikjarazzjoni falza, u li l-ebda miżura amministrattiva, jew miżura amministrattiva adegwata ma jiġu applikati sabiex jindirizzaw u/jew jieħdu azzjoni kontra dan il-ħarbien, dan il-Membru għandu jikkonsulta lill-Membru interessat minnufih bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament. Jekk ma tintlaħaqx din is-soluzzjoni, il-materja tista' tiġi riferita minn kull Membru involut lit-TMB għal rakkommandazzjonijiet. Din id-dispożizzjoni mhix maħsuba sabiex tipprevjenu Membru milli jagħmel aġġustamenti tekniċi meta jintgħamli żbalji mhux intenzjonali fid-dikjarazzjonijiet.

Artikolu 6

1. Il-Membri jagħrfu illi matul il-perjodu taż-żmien tat-transizzjoni jista' jkun meħtieġ li japplikaw il-mekkaniżmu tas-

salvagward transitorju (imsejjaħ "is-salvagward transitorju" f'dan il-Ftehim). Is-salvagward transitorju jista' jiġi applikat minn kull Membru għall-prodotti koperti bl-Anness, għajr dawk integrati fil-GATT 1994 skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2. Il-Membri li ma jżommux ir-restrizzjonijiet li jidħlu fl-Artikolu 2 għandhom jinnotifikaw lit-TMB fi żmien 60 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, dwar jekk jixtequx jew le li jżommu d-dritt li jużaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Il-Membri li ma jkunux aċċettaw il-Protokoll li jestendu l-MFA mis-sena 1986 għandhom jagħmlu din in-notifika fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO. Is-salvagward transitorju għandu jiġi applikat b'mod kemm jista' jkun meqjus, konsistentement mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u l-implimentazzjoni effettiva tal-proċess ta' l-integrazzjoni skond dan il-Ftehim.

2. Tista' tittieħed azzjoni ta' salvagward skond dan l-Artikolu meta, fuq il-bażi ta' kif jiġi stabbilit minn Membru (1), jiġi muri illi jkun qiegħed jiġi importat prodott partikolari fit-territorju tiegħu fi kwantitajiet hekk miżjuda li jikkawża ħsarat kbar, jew it-tehdida ta' dawn, lill-industrija domestika li tipproduċi prodotti simili u/jew kompetittivi direttament. Il-ħsara gravi jew it-tehdida attwali tagħha iridu jiġu murija li jkunu kkawżati b'dawn il-kwantitajiet miżjuda fl-importazzjonijiet totali ta' dan il-prodott u mhux b'fatturi oħra bħall-bidliet teknoloġiċi jew bidliet fil-preferenza tal-konsumatur.

3. Meta jkun qiegħed jistabbilixxi ħsara gravi, jew it-tehdida attwali tagħha, kif riferit fil-paragrafu 2, il-Membri għandu jeżamina l-effett ta' dawn l-importazzjonijiet fuq l-istat ta' l-industrija partikolari, kif rifless fil-bidliet f'dawk il-varjanti ekonomiċi rilevanti bħalma huma l-produzzjoni, il-produttività, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-inventarji, is-sehem mis-suq, l-esportazzjonijiet, il-pagi, l-impjiegi, il-prezzijiet domestiċi, il-profitti u l-investment li l-ebda wieħed minnhom, jew waħdu jew f'għaqda ma' fatturi oħra, ma jista' neċessarjament jagħti gwida deċiżiva.

4. Kull miżura invokata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandha tiġi applikata fuq il-bażi ta' Membru b'Membru. Il-Membri jew il-Membri li għalihom jiġu attribwiti l-ħsara gravi jew it-tehdida attwali tagħha għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' żieda qawwija sostanzjali fl-importazzjonijiet, attwali jew imminenti (2), minn dan il-Membri jew dawn

(1) Għaqda tad-dwana tista' tapplika miżura tas-salvagward bħala unità waħdiena jew fisem Stat Membru. Meta għaqda tad-dwana tapplika miżura tas-salvagward bħala unità waħdiena, il-ħtiġiet kollha sabiex jiġu stabbiliti inġurja gravi jew it-tehdida tagħha skond dan il-Ftehim għandhom ikunu msejsa fuq il-kondizzjonijiet eżistenti fl-għaqda tad-dwana bħala ħaġa waħda. Meta tiġi applikata miżura tas-salvagward fisem Stat Membru, il-ħtiġiet kollha sabiex jiġu stabbiliti l-inġurja gravi jew it-tehdida tagħha għandhom ikunu msejsa fuq il-kondizzjonijiet eżistenti f'dan l-Istat Membru u l-miżura għandha tiġi llimitata għal dan l-Istat Membru.

(2) Din iż-żieda imminenti għandha tkun waħda li tista' titkejjel u ma għandhiex tiġi stabbilita li teżisti fuq il-bażi ta' allegazzjoni jew il-possibbiltà sempliċi li tinħoloq, per eżempju, mill-eżistenza tal-kapaċità tal-produzzjoni fil-Membri esportaturi.

il-Membri individwalment, u fuq il-bażi tal-livell ta' l-importazzjonijiet ipparagunati ma' l-importazzjonijiet minn sorsi oħra, is-sehem fis-suq u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet u l-prezzijiet domestiċi fi stadju paragonabbli tat-transazzjoni kummerċjali; l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi, jew waħdu jew f'għaqda ma' fatturi oħra, ma jista' neċessarjament jagħti gwida deċiżiva. Din il-miżura tas-salvagward ma għandha tiġi applikata għall-esportazzjonijiet ta' l-ebda Membru li l-esportazzjonijiet tiegħu tal-prodott partikolari jkunu diġà taħt it-trażżin skond dan il-Ftehim.

5. Il-perjodu taż-żmien tal-validità dwar kif jiġu stabbiliti ħsara gravi jew it-tehdid attwali tagħha għall-għanijiet sabiex tiġi invokata l-azzjoni tas-salvagward ma għandux jaqbeż id-90 jum mid-data tan-notifika inizjali kif iddikjarata fil-paragrafu 7.

6. Fl-applikazzjoni tal-miżura tas-salvagward, għandu jingħata qies partikolari lill-interessi tal-Membri esportaturi kif iddikjarat hawn taħt:

- (a) il-pajjiż Membru l-inqas żviluppat għandu jingħata trattament iktar favorevoli b'mod sinifikanti minn dak ipprovdut lill-gruppi oħra tal-Membri riferiti f'dan il-paragrafu, b'mod priferibbli fl-elementi tiegħu kollha imma, għall-inqas, fuq termini ġenerali;
- (b) il-Membri li l-valur totali tagħhom tat-tessili u l-lbies huwa żgħir f'paragun mal-volum totali ta' l-esportazzjonijiet tal-Membri l-oħra u li jgħodd għal perċentwal żgħir biss ta' l-importazzjonijiet totali ta' dan il-prodott fil-Membri importatur għandhom jingħataw trattament differenzjali u iktar favorevoli meta jiġu ffixxati t-termini ekonomiċi iprovduti fil-paragrafi 8, 13 u 14. Rigward dawn il-fornituri, għandhom jitqiesu kif mistħoqq, skond il-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 1, il-possibbiltajiet futuri għall-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom u għall-ħtieġa li jiġu permessi minn għandhom kwantitajiet kummerċjali ta' importazzjonijiet;
- (c) rigward il-prodotti tas-suf minn pajjiżi Membri qegħdin jiżviluppaw u jipproduċu s-suf li l-ekonomija u l-kummerċ tagħhom fit-tessili u l-lbies huma dipendenti fuq is-settur tas-suf, li l-esportazzjonijiet totali tagħhom tat-tessili u l-lbies jikkonsistu kważi b'mod esklussiv fuq il-prodotti mis-suf, u li l-volum tal-kummerċ fit-tessili u l-lbies huwa żgħir b'mod komparattiv fis-swieq tal-Membri importaturi, għandhom jingħataw konsiderazzjoni speċjali rigward il-ħtiġiet ta' l-esportazzjoni ta' dawn il-Membri meta jiġu kkunsidrati l-livelli tal-kwoti, ir-rati tat-tkabbir u l-flessibbiltà;
- (d) għandu jingħata trattament iktar favorevoli lill-importazzjonijiet tal-prodotti tessili u tal-lbies minn Membru li dan il-Membri jkun esporta lil Membru ieħor sabiex jiġu pproċessati u l-importazzjoni mill-ġdid sossegwenti, kif idde-

finiti bil-liġijiet u l-prattiċi tal-Membru importatur, u bla ħsara għall-proċeduri tal-kontroll u taċ-ċertifikazzjoni sodisfaċenti, meta dawn il-prodotti jiġu importati minn Membru li għalih dan it-tip ta' kummerċ jirrappreżenta proporzjon sinifikanti ta' l-esportazzjonijiet tiegħu ta' tessili u lbies.

7. Il-Membru li jipproponi li jieħu azzjoni tas-salvagward għandu jfittex konsultazzjonijiet mal-Membru jew mal-Membri li jiġu affettwati b'din l-azzjoni. It-talba għall-konsultazzjonijiet għandha tiġi akkumpanjata bit-tagħrif fattwali speċifiku u rilevanti, aġġornat kemm jista' jkun, b'mod partikolari rigward: (a) il-fatturi, riferiti fil-paragrafu 3, li fuqhom il-Membru li jinvoka l-azzjoni jkun ibbaża l-mod kif stabbilixxa l-eżistenza ta' ħsara gravi jew it-tehdida attwali tagħha; u (b) il-fatturi, riferiti fil-paragrafu 4, li fuq il-bażi tagħhom jipproponi li jinvoka l-azzjoni tas-salvagward rigward il-Membru interessat jew il-Membri interessati. Rigward it-talbiet magħmula skond dan il-paragrafu, it-tagħrif għandu jiġi rrelatat, mill-qrib kemm jista' jkun, ma' segmenti li jistgħu jiġu identifikati tal-produzzjoni u għall-perjodu taż-żmien tar-riferiment iddikjarat fil-paragrafu 8. Il-Membru li jinvoka l-azzjoni għandu jindika wkoll il-livell speċifiku li fih l-importazzjonijiet tal-prodott fil-kwistjoni min għand Membru interessat jew Membri interessati jiġu proposti li jinżammu; dan il-livell ma għandux ikun iktar baxx mil-livell riferit fil-paragrafu 8. Il-Membru li jkun qiegħed iftixx il-konsultazzjonijiet għandu jikkomunika, fl-istess waqt, lill-President tat-TMB it-talba għall-konsultazzjonijiet, inkluża l-informazzjoni fattwali rilevanti deskritta fil-qosor fil-paragrafi 3 u 4, flimkien mal-livell propost tat-trażżin. Il-President għandu jgħarraf lill-membri tat-TMB bit-talba għall-konsultazzjonijiet, fejn jindika l-Membru li jagħmel it-talba, il-prodott fil-kwistjoni u l-Membru li jkun irċieva t-talba. Il-Membru interessat jew il-Membri interessati għandhom iwiegħbu minnufih għal din it-talba u l-konsultazzjonijiet għandhom isiru mingħajr dewmien u normalment għandhom jiġu kkompletati fi żmien 60 jum mid-data li fiha tkun ġiet irċevuta t-talba.

8. Jekk, fil-konsultazzjonijiet, ikun hemm fehim reċiproku illi s-sitwazzjoni titlob għat-trażżin fuq l-esportazzjonijiet tal-prodott partikolari mingħand il-Membru interessat jew il-Membri interessati, il-livell ta' dan it-trażżin għandu jiġi ffixxat fl-livell mhux iktar baxx mil-livell attwali ta' l-esportazzjonijiet jew l-importazzjoni mill-Membru interessat matul il-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar li jskadi xahrejn qabel ix-xahar li fih tkun intgħamlet it-talba għall-konsultazzjonijiet.

9. Id-dettalji dwar il-miżura ta' trażżin miftiehma għandha tiġi kkomunikata lit-TMB fi żmien 60 jum mid-data al-konklużjoni tal-ftehim. It-TMB għandu jstabbilixxi jekk il-ftehim ikunx iġġustifikat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Sabiex jagħmel kif irid jstabbilixxi d-deċiżjoni tiegħu, it-TMB għandu jkollu disponibbli l-informazzjoni fattwali pprovduta lill-President ta-TMB, riferita fil-paragrafu 7, kif ukoll kull tagħrif ieħor rilevanti pprovdut mill-Membri interessati. It-TMB jista' jagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet li jidhirlu approprijati lill-Membri interessati.

10. Madankollu, jekk wara li jskadi l-perjodu taż-żmien ta' 60 jum mid-data li fiha tkun ġiet irċevuta t-talba għall-konsultazzjonijiet, ma jkun hemm l-ebda ftehim bejn il-Membri, il-Membru li jkun ippropona li jieħu l-azzjoni tas-salvagward jista' japplika t-trażżin sad-data ta' l-importazzjoni jew id-data ta' l-esportazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, u fl-istess waqt jirreferi l-materja lit-TMB. Għandu jkun għall-wieħed jew l-ieħor miż-żewġ Membri li jirreferu l-materja lit-TMB qabel l-iskadenza tas-60 jum. F'kull wieħed miż-żewġ każijiet, it-TMB għandu jikkonduċi eżami tal-materja minnufih, inkluż kif jiġu stabbiliti ħsara gravi, jew it-tehdida attwali tagħha, u l-kawżi tagħhom, u jagħmel ir-rakkommandazzjonijiet approprijati lill-Membri interessati fi żmien 30 jum. Sabiex jikkonduċi dan l-eżami, it-TMB għandu jagħmel disponibbli lill-Membri interessati fattwali pprovduta lill-President tat-TMB, riferita fil-paragrafu 7, kif ukoll kull tagħrif ieħor rilevanti pprovdut mill-Membri interessati.

11. F'ċirkostanzi mhux tas-soltu u kritiċi ħafna, meta d-dewmien jista' jikkawża ħsara li tkun diffiċli li tisewwa, l-azzjoni skond il-paragrafu 10 tista' tittieħed b'mod proviżorju bil-kondizzjoni li t-talba għall-konsultazzjonijiet u notifiċi lit-TMB għandhom jiġu effettwati fi żmien mhux iktar minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li tkun tittieħdet l-azzjoni, Fil-każ li l-konsultazzjonijiet ma jipproduċux ftehim, it-TMB għandu jiġi nnotifikat fil-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet, imma jkun xi jkun l-każ, mhux iktar minn 60 jum mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni. It-TMB għandu jikkonduċi minnufih eżami tal-materja, u jagħmel ir-rakkommandazzjonijiet approprijati fi żmien 30 jum. Fil-każ li l-konsultazzjonijiet ma jipproduċux ftehim, il-Membri għandhom jinnotifikaw lit-TMB mal-konklużjoni, imma f'kull każ mhux iktar tard minn 90 jum mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni. It-TMB jista' jagħmel dawk ir-rakkommandazzjonijiet li jidhirlu approprijati lill-Membri interessati.

12. Membru jista' jżomm il-miżuri invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu: (a) sa tliet snin mingħajr estensjoni, jew (b) sakemm il-prodott jiġi integrat fil-GATT 1994, liema minnhom tiġi l-ewwel.

13. Jekk il-miżura tat-trażżin tissokta fis-seħħ għal perjodu taż-żmien li jaqbeż is-sena, il-livell għas-snin sossegwenti għandu jkun il-livell speċifikat għall-ewwel sena miżjud b'rata tat-tkabbir ta' mhux inqas minn 6 fil-mija kull sena, għajr jekk iġġustifikat xorta oħra mit-TMB. Il-livell tat-trażżin tal-prodott interessat jista' jiġu maqbuż f'sena jew l-oħra minn kull sentejn sossegwenti bil-ġarr għas-sena ta' wara jew il-ġarr 'il quddiem ta' 10 fil-mija li għalihom il-ġarr 'il quddiem ma għandux jirrappreżenta iktar minn 5 fil-mija. L-ebda limiti kwantitattivi ma għandhom jiqiegħdu fuq l-użu f'għaqda tal-ġarr għas-sena ta' wara, il-ġarr 'il quddiem u d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 14.

14. Meta iktar minn prodott wieħed minn Membru ieħor jit-qiegħdu taħt it-trażżin skond dan l-Artikolu minn Membru,

il-livell tat-trażżin miftiehem, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, għal kull wieħed mill-prodotti jista' jinqabeż b'7 fil-mija, sakemm l-esportazzjonijiet totali bla ħsara għat-trażżin ma jaqbżux it-total tal-livelli tal-prodotti kollha hekk imrażżna skond dan l-Artikolu, fuq il-bażi ta' l-unitajiet komuni miftiehma. Meta l-perjodi taż-żmien tat-trażżin ta' dawn il-prodotti ma jikkonċidux ma' xulxin, din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata għal kull perjodu taż-żmien mirkub fuq bażi *pro rata*.

15. Jekk tiġi applikata miżura tat-trażżin skond dan l-Artikolu għal prodott li għalih kien hemm qabel trażżin skond il-MFA matul il-perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-WTO, jew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 jew 6, il-livell tat-trażżin il-ġdid għandu jkun il-livell ipprovdut fil-paragrafu 8 għajr jekk it-trażżin il-ġdid jidħol fis-seħħ fi żmien sena minn:

- (a) id-data tan-notifika riferita fil-paragrafu 15 ta' l-Artikolu 2 sabiex jiġi eliminat it-trażżin ta' qabel; jew
- (b) id-data tat-tneħħija tat-trażżin ta' qabel magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jew tal-MFA li fil-każ tagħhom il-livell ma għandux ikun inqas mill-wieħed iktar għoli fost (i) il-livell tat-trażżin għal-perjodu taż-żmien ta' mill-inqas 12-il xahar li matulu l-prodott kien taħt trażżin, jew (ii) il-livell tat-trażżin ipprovdut fil-paragrafu 8.

16. Meta Membru li ma jkunx qiegħed iżomm trażżin skond l-Artikolu 2 jiddeċiedi li japplika trażżin skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, għandu jstabbilixxi l-arranġamenti approprijati li: (a) iqisu bis-sħiħ dawn il-fatturi bħala klassifika stabbilita tat-tariffa u unitajiet kwantitattivi msejsa fuq il-prattiċi normali tan-negozju fi transazzjonijiet ta' l-esportazzjoni u ta l-importazzjoni, kemm bħala komposizzjoni tal-fibri u kemm f'termini ta' kompetizzjoni għall-istess segment tas-suq domestiku tiegħu, u (b) jevitaw il-kategorizzazzjoni żejda. It-talba għall-konsultazzjonijiet riferita fil-paragrafi 7 jew 11 għandha tinkludi tagħrif sħiħ dwar dawn l-arranġamenti.

Artikolu 7

1. Bħala parti mill-proċess ta' integrazzjoni u b'riferiment għall-impenji speċifiċi midħula għalihom mill-Membri b'riżultat tar-Round ta' l-Urugwaj, il-Membri kollha għandhom jieħdu dawk l-azzjonijiet li jistgħu jkun meħtieġa għalbiex jimxu mar-regoli u d-dixxiplini tal-GATT 1994 hekk li:

- (a) jiksbu aċċess imtejjeb għas-swieq tal-prodotti tessili u tal-lbies permezz ta' miżuri bħat-tnaqqis fit-tariffi u fir-rbit tagħhom, it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli mhix tat-tariffi, u l-faċilitazzjoni tal-formalitajiet tad-dwana, amministrattivi u tal-liċenzi;

- (b) jiżguraw l-applikazzjoni tal-politiki li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijiet ġusti u ekwitabbli tal-kummerċ rigward it-tessili u l-lbies f'dawn iż-żoni bħalma huma r-regoli u l-proċeduri tad-*dumping* u ta' kontra d-*dumping*, is-sussidji u l-miżuri ta' kontrobilanċ, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali; u

- (ċ) jevitaw id-diskriminazzjoni kontra l-importazzjonijiet fis-settur tat-tessili u tal-lbies meta jieħdu miżuri għar-raġunijiet tal-politika kummerċjali ġenerali. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Membri skond il-GATT 1994.

2. Il-Membri għandhom jinnotifikaw lit-TMB bl-azzjonijiet riferiti fil-paragrafu 4 li jkollhom importanza fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Safejn u sakemm dawn ikunu ġew innotifikati lill-korpi oħra tal-WTO, għandu jkun biżżejjed sommarju, b'riferiment għan-notifika oriġinali, għalbiex jitwettqu il-ħtiġiet skond dan il-paragrafu. Għandu jkun għal kull Membru li jagħmel notifiċi b'lura lit-TMB.

3. Meta Membru jikkunsidra li Membru ieħor ma jkunx ħa l-azzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1, u li jkun ġie maqlub il-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi skond dan il-Ftehim, dan il-Membru jista' jressaq il-materja quddiem il-korpi rilevanti tal-WTO u jgħarraf lit-TMB. Kull sentenza jew konklużjoni sossegwenti mill-WTO għandhom jagħmlu parti mir-rapport komprensiv tat-TMB.

Artikolu 8

1. Huwa hawnhekk stabbilit il-Bord tal-Monitoraġġ tat-Tessili (it-TMB) għalbiex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, jeżamina l-miżuri kollha meħuda skond dan il-Ftehim u l-konformità tagħhom miegħu, u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa għalih b'mod speċifiku f'dan il-Ftehim. It-TMB għandu jikkonsisti minn President u 10 membri. Is-sħubija tiegħu għandha tkun ibbilanċjata u rappreżentattiva fil-wisa' tal-Membri u għandha tipprovdi għar-rotazzjoni tal-Membri tiegħu f'intervalli approprijati taż-żmien. il-membri għandhom jiġu maħtura mill-Membri nnominati mill-Kunsill tal-Kummerċ fl-Oġġetti għalbiex iservu fuq it-TMB, billi jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fuq bażi *ad personam*.

2. It-TMB għandu jiżviluppa l-proċeduri tiegħu nnifsu tax-xogħol. Madankollu huwa mifhum li l-*consensus* fit-TMB ma jeh-tieġ in-nuqqas jew il-konkorrenza tal-membri maħtura mill-Membri involuti fi kwistjoni mhux riżolta taħt rivista mit-TMB.

3. It-TMB għandu jiġi kkunsidrat bħala korp permanenti u għandu jiltaqa' kif meħtieġ għalbiex iwettaq il-funzjonijiet

meħtieġa minnu skond dan il-Ftehim. Għandu joqgħod fuq in-notifiki u t-tagħrif forniti mill-Membri skond l-Artikoli rilevanti ta' dan il-Ftehim, issupplimentati b'kull tagħrif addizzjonali jew dettalji meħtieġa li jistgħu jissottomettu jew li jiddeċiedi li jfittex minn għandhom. Jista' joqgħod ukoll fuq notifiki lil korpi oħra tal-WTO u rapporti minn għandhom u minn dawk is-sorsi l-oħra li jidhirlu approprijati.

4. Il-Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu lil xulxin l-opportunità adegwata għall-konsultazzjonijiet rigward kull materja li taffettwa t-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

